**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit.

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 18 ta' Settembru, 2001

**Numru 7**

**Avviz. numru 70/99 JR**

**Dingli Company International Limited bhala mandatrici tas-socjeta' estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**vs**

**Freddie Attard**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta attrici fl-4 ta' Jannar, 2001, fejn intalab il-hlas ta' Royalty fl-ammont ta' tmienja u hamsin Lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm58.79c) kwantu ghal wiehed u hamsin Liri Maltin u tnax-il centezmu (Lm51.12c) Royalty u seba' liri Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm7.67c) taxxa fuq il-valur mizjud fuq**

**l-istess Royalty dovut bil-quddiem, import tal-fattura datata 7 ta' Awissu, 2000 (Dok "A") in konnessjoni mal-licenzja Nru 011195 (Dok "B") rilaxxata mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut rigwardanti l-istabbiliment Cocktails & Dreams, ghall-perjodu mis-6 ta' Awissu, 2000 sal-5 ta' Awissu 2001.**

**Is-socjeta' attrici talbet ukoll il-hlas ta' l-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data ta' l-iskadenza relattiva sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez ta' l-Avviz, komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 ta' Ottubru, 2000, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda tal-PL Josette Attard li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u hamsin lira Maltin u disgha u sebghin centezmi (Lm58.79c) bl-imghaxijiet kummercjali mis-6 t'Awissu, 2000, sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra legali tal-31 t'Ottubru, 2000, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**